# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Frar, 2016**

**Talba Nru: 362/2015/VG**

**Dragonara Gaming Limited (C-4948)**

**vs**

**Andrew Sciortino (ID. Nru. 140186M)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-15 ta' Mejju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett elef tlett mija wiehed u tmenin euro u hamsin centezmi ta' euro [€3,381.50c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-intimat abbanduna l-impjieg minghajr raguni skont il-ligi. L-ammont dovut hu l-ammont skont il-ligi wara abbandun kif inghad fis-6 ta' Frar, 2015.

Mal-ammont indikat, jizdiedu spejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tas-17 ta' April, 2015 u dik bonarja tat-12 ta' Marzu, 2015 u l-imghax".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fil-5 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

1. Illi l-impjieg tal-esponenti mas-socjeta attrici kien terminat ghal raguni tajba u bizzejjed ai termini tal-Art. 36 (14) tal-Kap. 452 u cjoe minhabba mard certifikat u konsegwentement l-esponenti mghandux ibati l-pieni komminati fl-art. 36 (12) tal-Kap. 452;

2. Illi kienet is-socjeta attrici stess tramite d-duty manager, Elisabeth Rutland li kkonstatat li l-esponenti beda ihossu hazin fuq il-post tax-xoghol fix-xahar ta' Frar 2015 u kienet hi stess li baghtitu lejn id-dar ghal diversi drabi u kien wara li l-esponenti pprezenta certifikati li s-socjeta attrici ivvantat il-pretensjoni taghha. L-esponenti dejjem qaghad ghad-direzzjoni tal-kumpannija attrici u mghandux jigi penalizzat ghal dan;

3. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tal-14 ta' Ottubru, 2015 fejn Dr. Andrew Borg Cardona ghas-socjeta rikorrenti ddikjara li hija ma kellhiex ghalfejn tikkontesta l-awtenticita u l-kontenut tac-certifikat.

Ra l-verbal tas-17 ta' Dicembru, 2015 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €3,381.50c rapprezentanti ammont dovut skont il-ligi mill-intimat wara li dan abbanduna l-post tax-xoghol tieghu. L-intimat laqa' ghal din it-talba billi qal li l-impjieg tieghu minn mas-socjeta rikorrenti kien terminat minhabba mard certifikat u ghalhekk ghal raguni tajba u bizzejjed ai termini tal-Art. 36 (14) tal-Kap. 452. Konsegwentement ma ghandux ghalfejn ibati l-pieni msemmija fl-art. 36 (12) tal-Kap. 452. Di piu, kompla jghid l-intimat, kienet l-istess socjeta rikorrenti tramite d-duty manager, Elisabeth Rutland li kkonstatat li huwa beda jhossu hazin fuq il-post tax-xoghol fix-xahar ta' Frar 2015 u kienet hi stess li baghtitu lejn id-dar ghal diversi drabi u kien wara li huwa pprezenta certifikati li s-socjeta rikorrenti vvantat il-pretensjoni taghha. Qal li huwa dejjem qaghad ghad-direzzjoni tal-kumpannija rikorrenti u ghalhekk m'ghandux jigi penalizzat ghal dan. Konsegwentement, qal l-intimat, l-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

   Ikkunsidra;

2. **Xehed l-intimat Andrew Sciortino** li qal li huwa beda jahdem mas-socjeta rikorrenti fis-sena 2013 u waqaf jahdem fi Frar tas-sena 2015. Huwa qal li r-raguni li waqaf jahdem min mas-socjeta rikorrenti kienet minhabba problema ta' sahha. Qal li "*la kont b'sahhti fizikament u lanqas mentalment. Kelli hafna problemi familjari u personali u dawn komplew jaggravaw il-problema tieghi*" (fol. 13). Huwa esebixxa certifikat mediku rilaxxat minn Dr. Etienne Miscat datat 12 ta' Gunju, 2015. Huwa qal li lil Human Resources kien tahom certifikat li kienet qeghda tinzillu l-pressjoni. Is-

socjeta rikorrenti ma kienitx accettat dan id-dokument u talbitu jhallas is-somma ta' €3,381.50c. Maz-zmien il-problemi komplew jikbru u peress li ma kienx qieghed ihossu mentalment tajjeb, huwa kellem lill-psikjatra. Huwa kien kellem lill-psikjatra wara li s-socjeta rikorrenti kienet talbitu ghal hlas. Cahad li huwa abbanduna l-post tax-xoghol u li kieku ma kienx ghal problemi li kellhu, huwa kien jibqa jahdem mas-socjeta rikorrenti. L-intimat esebixxa ukoll dokument rilaxxat minn Correctional Officer 116 Helenio Galea li tikkonferma li huh, Aaron Sciortino kien fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Qal li huwa ma kienx accetta l-alternattiva li kienet offrietlu s-socjeta rikorrenti minhabba huh u peress li x-*shifts* li riedu jaghtuh kienu bil-lejl.

In kontro-ezami huwa qal li fid-19 ta' Frar, 2015 kien ta certifikat rilaxxat minn Dr Andrew Baldacchino lis-socjeta rikorrenti fejn hu kien gie certifikat li kellu pressjoni baxxa li twassal ghal sturdament. Qal li huwa lis-socjeta rikorrenti ma kienx infurmaha bil-problemi li kellhu pero zied ighid li "*Elizabeth Rutland setghet tara kif kont. Kienet tarani abjad karti u bl-isturdament*" (fol. 23). Huwa kkonferma li kien jilghab il-*football* ma Santa Lucia anke wara li kien inhareg dan ic-certifikat u fil-fatt stqarr li fit-8 ta' Marzu, 2015 huwa kien skorja l-*goal* tar-rebha kontra l-Imtarfa. Qal li din tal-*football* ma kienitx xi haga regolari.

3. **Emanuel Cutajar**, habib ta' l-intimat qal li huwa ilu jafu min meta kienu tfal. Qal li minhabba li l-intimat kien ma jiflahx, huwa kellu jieqaf mix-xoghol. L-intimat joqghod faccata tieghu u ghalhekk jarah ta' sikwit. Peress li s-sitwazzjoni ta' l-intimat kienet hazina, huwa qabad u qata biljett ta' l-ajru ghal intimat u siefer minnu fl-ahhar ta' Jannar. Mistoqsi mit-Tribunal dwar jekk huwa rax kambjament ghall-ahjar fl-intimat minn Jannar lil hawn, ix-xhud wiegeb u qal li "*rajt xi ftit kambjament ghall-ahjar fl-intimat pero ghad jonqsu*" (fol.15).

4. **Xehdet Elizabeth Rutland**, *gaming manager* mas-socjeta rikorrenti. Qalet li hi taf lill-intimat peress li kien jahdem mas-socjeta rikorrenti. Kompliet

tghid li "*l-intimat verament kien jigi u jiena kont inkun narah li ma jkunx f'siktu*" (fol. 21). Qalet li fil-5 ta' Frar, 2015, l-intimat kien cemplilha ftit tal-hin qabel ma kellhu jibda x-xoghol u kien qalilha li ma kienx diehel ghax-xoghol. Qalet li hi kienet kemm-il darba tghidlu, meta kien ikun fuq il-lant tax-xoghol, sabiex jiehu *break* u dan peress li kienet tarah, xi min daqqiet, abjad. Wara li jinzel sal-*canteen,* huwa jerggha jitla normali. Hija kienet qaltlu sabiex ikellem tabib u fil-fatt, dan it-tabib kien qallu li kellu kaz ta' pressjoni. L-ghada tal-5 ta' Frar, 2015 huwa kien reggha cemplilha u qalilha li ma kienx ser jirritorna lura ghax-xoghol. Qalet li "*l-intimat kien qalli meta kien qieghed jirrizenja fuq it-telefon illi ma kienx qieghed ihossu mija fil-mija sew u li ghalhekk meta kien ikun qieghed qud l-imwejjed tal-loghob ma kienx ikun gust ghal kumpanija li jkun hekk*" (fol. 22). Qaltlu li huwa ried jinforma lid-dipartiment tar-rizorsi umani u li kien hemm *vacancies* ohra fil-kumpanija fejn seta jmur jahdem. Stqarret li lilha l-intimat qatt ma kien qalilha xi problemi kellu hlief ghal kwistjoni tal-pressjoni li giet certifikata mit-tabib.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. It-Tribunal, ra c-certifikat mediku datat 12 ta' Gunju, 2015 esebit mill-intimat fejn, wara li gie spjegat is-sitwazzjoni ta' l-intimat, Dr. Etienne Muscat qal li "*However, it appears highly credible that Mr Sciortino's syndrome would have rendered him unfit for the work place*" (fol. 17).

6. It-Tribunal ghandu sitwazzjoni quddiemu fejn l-intimat telaq minn fuq il-post tax-xoghol u wara diversi xhur huwa mar ikellem lill-psikjatra Dr Etienne Muscat fejn wara li l-intimat spjegalu s-sitwazzjoni tieghu huwa rrilaxxa certifikat fit-12 ta' Gunju, 2015. Waqt li kien ghadu jahdem, irrizulta li Elizabeth Rutland kienet tarah li ma kienx f'siktu pero dan il-fatt gie spjegat mic-certifikat rilaxxat minn Dr Andrew Baldacchino datat 9 ta' Frar, 2015 fejn inghad li l-intimat "*suffers from orthostabic hypotension which leads to dizziness/vertigo*" (fol. 26). L-intimat ammetta li minkejja dan kollu, huwa xorta wahda baqa jilghab il-football, ghalkemm jghid li dan jaghmlu okkazzjonalment. Stqarr ukoll li s-socjeta rikorrenti offrietlu li jaghmel xoghol iehor ma' l-istess kumpanija, izda huwa rrifjuta li jaghmel

dan. Kollox ma kollox, it-Tribunal ma huwiex konvint li l-intimat irnexxielu jipprova li huwa kellhu raguni tajba u bizzejjed sabiex jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol.

7. Ghar-rigward ta' l-ammont reklamat, ghalkemm, il-provi huma ftit li xejn l-intimat issemmi dan l-ammont bhala dak rikjest minnu minghand is-socjeta rikorrenti. Huwa baqa qatt ma kkontesta dan l-ammont u ma tresqet l-ebda prova da parti tieghu li b'xi mod tpogga fid-dubbju dan l-ammont.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett elef tlett mija wiehed u tmenin euro u hamsin centezmi ta' euro [€3,381.50c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mis-17 ta' April, 2015 (data ta' l-ittra ufficjali) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' April, 2015, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**